MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 496/1995/2

**Emmanuel Briffa**

**Vs**

**Veronica mart Emmanuel Briffa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fil-Knisja ta' San Guzepp Haddiem f' B'Kara fis-26 ta' Novembru 1973;

Illi miz-zwieg tal-partijiet twieldu zewg ulied u cjoe` Josephine, li ghandha l-eta` ta' tmintax-il sena u Claudio li ghandu sbatax-il sena (Dok. "B" u "C");

Illi meta l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg, il-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat billi nkiseb bi vjolenza morali prattikat minn missierha;

Illi *inoltre* li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kontendenti, ghalkemm ma kenux interdetti jew morda b'mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1) Tiddikjara z-zwieg celebrat fil-Knisja ta' San Guzepp Haddiem, B' Kara, fis-26 ta' Novembru 1973, mill-kontendenti, huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti a fol. 5 sa 10 tal-process;
Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh fit-30 ta' Gunju 1997 u ma pprezentat ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u b'hekk hi kontumaci;

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Gunju 1997 fejn giet nominata Dr. Deborah Farrugia bhala Perit Legali; tad-19 ta' Jannar 1998; tas-17 ta' Marzu 1998; tat-2 ta' Iulju 1998 fejn dehret Dr. Giovanna Pia Mifsud Bonnici li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-konvenuta; tat-22 ta' Jannar 1999; tat-22 t'April 1999 fejn Dr. Giovanna Pia Mifsud Bonnici li rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenuta; tas-6 ta' Lulju 1999 fejn Dr. Deborah Farrugia nfurmat lill-Qorti li l-provi ngabru; ta' l-24 ta' Jannar 2000; tad-29 ta' Mejju 2000; tat-

13 ta’ Gunju 2001; tad-19 ta’ Novembru 2001; tat-2 t’Ottubru 2002; ta’ l-10 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali sabiex testendi r-rapport sas-seduta li jmiss; ta’ l-4 ta’ Frar 2003 fejn dehret Dr. Deborah Farrugia li nfurmat lill-Qorti li r-rapport gie pprezentat; tas-26 ta’ Frar 2003; tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat l-avviz tat-22 ta’ Jannar 1999 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna;
Rat l-avviz ta’ l-10 t’ April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia fejn iddikjarat li rritornat il-process u li mhux se tipprezenta rapport ghaliex il-partijiet infurmawha li ma kellhomx mezzi sabiex ihallsu ghall-inkarigu taghha;

Rat is-seduta tat-28 t’Ottubru 1997 mizmuma quddiem il-Perit Legali fejn xehdet il-konvenuta Veronica Briffa; ta’ l-4 ta’ Novembru 1997 fejn kompliet tixhed il-konvenuta; tal-15 ta’ Jannar 1998; tad-19 ta’ Frar 1998; tal-5 ta’ Marzu 1998 fejn xehed l-attur; tas-17 ta’ Marzu 1998 fejn xehdet Maria Muscat, prodotta mill-attur; tas-7 t’April 1998; tat-13 ta’ Mejju 1998; tas-26 ta’ mejju 1998; tas-16 ta’ Settembru 1998 fejn xehed Dun Karm Aquilina; tal-5 ta’ Novembru 1998 fejn kompla jixhed Dun Karm Aquilina; ta’ l-10 ta’ Dicembru 1998; tat-3 ta’ Frar 1999 fejn xehed Dr. Paul Mallia; tat-3 ta’ Marzu 1999; tat-30 ta’ Marzu 1999; u ta l-20 t’April 1999;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II) <u>RAPPORT TAL-PERIT LEGALI.</u>

## A) Provi Prodotti.

Illi fit-28 ta' Ottubru 1997 xehdet il-**konvenuta** fejn xehdet li fil-familja taghha kienu tlett subien u hi. Tghid li ma kellhiex hbieb. *"Kont nghix bhala salvagga. Il-familja tieghi ma kenux jistmawni tajjeb u kienu kattivi mieghi.…….Il-mummy kienet toqghod qisha serduq fuqi u tahseb hazin fuqi…..kienu jghiduli li m'inix normali. Kienu jsawtuni…..Kienu jghiduli qahba….Kienu riedu jehilsu minni u ma kienux jahmluni…..dawn kienu ommi u Mario (hija). Jiena kont nibza' minnhom hafna."*

Illi l-konvenuta tkompli tghid li l-familja taghha kienu keccewha mid-dar xi mitt darba.

Illi hija tispjega l-incidenti ta' vjolenza ma' huha Mario u tghid *"Jiena difettuza mis-smiegh minhabba li Mario kien tani daqqa bl-injam fuq widnejja. Kien ukoll dahhalli rasi fil-banju u habbatli s-sinna u kissirha. Darba Mario kien hadni Ghar Hasan u qalli sabiex ninzel mill-karozza u mbaghad ried iwaddabni 'l isfel u jiena bil-forza hrabtlu. Mario kattiv."*

Illi l-konvenuta tixhed li ommha qatt ma qaltilha fuq sess u rgiel.

Illi hija tispjega li missierha kien gie lura minn Navy meta hija kellha xi erbatax-il (14) sena. Qabel hija qatt ma kienet ratu. Tghid li missierha kien beda ikellimha baxx, fuq in-nisa u prostituti. Darba kienet irrapportatu lill-Pulizija u wara kienu haduha Mount Carmel ghaliex missierha kien qal lill-Pulizija li kienet mignuna u tiehu d-drogi.

Illi tghid li ghal perjodu ta' tlett (3) snin minn tfulitha hija ghexet gewwa l-Istitut tat-tfal *Good Shepherd Home*.

Illi hija tghid li kellha dsatax-il sena meta iltaqghet ma' l-attur. Hija kienet tahdem gol-café` ta' Borda. L-attur ma kienx jahdem. Huma bdew jitkellmu fit-triq hdejn Kastilja. L-attur kien akkompanja sad-dar u meta ra missierha kien gibidhom it-tnejn gewwa u qalilha *"ja gerrejja u qahba u*

*tani daqqa ta' pinzetta fuq wicci…Kien tela' fuq u qattali l-hwejjeg minn fuqi."*

Illi l-konvenuta tghid li dik il-gurnata kienet telqet mid-dar u cemplet lill-attur. Huwa kien ra lill-konvenuta imsawta u kollha demm. Tghid: "*It-tnejn konna mohhna zghir…..Konna morna l-Buskett u rqadna hemm ghaliex ma kellniex fejn norqdu u hemmhekk ghaffigna."*

Illi hija tghid li l-ghada marret ghand oht l-attur, Maria u damet hemm ghal xi sitt ijiem. Wara hija riedet taghmel paci ma' missierha u ghalhekk talbet lill-Pulizija jghidu lil missierha. Missierha kien gie l-Ghassa, il-Belt, u beda` jghajjat li ma ridhiex lura d-dar. Il-Pulizija kien qal lil missierha li hija kienet tqila. Tixhed: *"Il-Pulizija qallu zewwigha u tkun ghamilt dmirek. Missieri qal illi ried jehles minni u ma riednix. Il-Pulizija baghat ghal Manuel u qallu sabiex Manuel jizzewwigni u missieri jaghtih hames mitt lira Maltija (LM500)."*

Illi tkompli tixhed li wara hija marret lura d-dar ta' missier flimkien ma' l-attur. *"Missieri gie jghidli sabiex nizzewweg lil Manuel ghaliex huwa kien ihallini tqila u ma jizzewwigniex u illi jiena qahba u l-aqwa illi jehles minni. "Izzewgu ghaliex inti qahba. Ahtfu, Ahtfu."*

Illi l-konvenuta tghid li missierha baqa' jinsisti maghha li hija tizzewweg lill-attur. Hija ghalhekk marret ghand is-sorijiet izda ma zammewhiex. Tghid li missierha ried jehodha Mount Carmel. Tixhed: *"..jiena bzajt minnu u ghalhekk ghidt illi jiena naghmel kif ried u mbaghad naghmel illi rrid jiena wara…Jiena kont mohh ir-rih u ma naf xejn."*

Illi l-konvenuta tispjega li huma zzewwgu xi xahar jew xahar u nofs wara li iltaqghu. Kienu missierha u l-familja taghha li ghamlu kollox ghaz-zwieg, bhala karti, ghaliex hija ma kienet taf xejn. *"Jiena ma ppreparajt xejn ghal dan iz-zwieg, la Knisja u lanqas karti."*

Illi l-konvenuta tghid: *“Missieri hadni l-Knisja liebsa libsa li tawni, qisni pupa. Jien kont imbezza’….Qalli missieri Imxi ha tizzewweg u nehilsu minnek .”*

Illi l-kontendenti zzewgu gewwa is-Sagristija f’Birkirkara. Il-konvenuta tghid: *“Missieri u l-qassis ghamlu kollox u ma kontx naf x’ qieghed isir. Jiena meta kont gewwa l-Knisja ghidtilhom li ma nafx niffirma u Manuel qalli sabiex naghmel salib, pero` jien ma ridtx u kien hemm xi hadd minnhom u ffirma minfloki. Nahseb li kien missieri.”*

Illi wara li zzewwgu huma marru jghixu gewwa garaxx ta’ missier il-konvenuta, minghajr *toilet*, dawl u ilma. Hija kienet tghid lill-attur: *“Jiena ma zzewwigtx, izda zewguni u qeghduni.”*

Illi tghid li kienet marret tkellem lill-Kapillan ta’ Birkirkara li qalilha li missierha kien staqsih izewweg lill-kontendenti ghaliex il-konvenuta kienet qahba u kienet sejra taghmel dizunur lill-familja ghaliex kienet tqila. Il-Kapillan kien obda lil missierha u zewwighom.

Illi l-konvenuta tghid li anke wara li zzewwgu, missierha kien jindahal fil-hajja taghhom. Huwa kien hadha Mount Carmel xi tlett darbiet.

Illi fis-seduta tad-19 ta’ Frar 1998 xehed l-**attur** u qal li huwa kien iltaqa’ mal-konvenuta gewwa triq u staqsija ghal *date “mhux ghas-serjeta`”*. Huwa kellu xi ghoxrin sena. Wara xi jumejn li hargu flimkien, l-attur kien wassalha d-dar. Jghid: *“…kien hemm missierha u riedna nizzewwgu bil-fors…..lanqas biss kien jafni u lanqas jiena la kont naf lilu u lanqas lil Veronica dak iz-zmien.”*

Illi l-attur jispjega li xi gimgha jew hmistax wara li sar jaf lill-konvenuta hija kienet cemplitlu u qaltlu li missierha kien sawwatha. L-attur kien mar ghaliha u wara marru jorqdu il-Buskett. L-ghada kienu marru ghand oht l-attur u baqghu hemm ghal xi tlett gimghat. Jixhed li minn hemm il-konvenuta kienet marret l-Ghassa. Wara kien baghat ghalih l-Ispettur tal-Belt fejn qallu sabiex jizzewweg. L-Ghassa kien hemm ukoll il-konvenuta u missierha. Jghid***:***

*“L-ispettur qalli sabiex nizzewweg. Jiena ghidt le ghaliex ma kontx nahdem u ma ridtx zwieg. La kelli dar u lanqas flus u ma kelli xejn. Imbaghad kien gie Surgent u qalli izzewwigha ghaliex missierha sejjer jaghtikom hames mitt lira Maltija (LM500). Missierha waqt dan il-hin kien ukoll qieghed jghidli sabiex nizzewweg. Kien qieghed jitkellem hazin u jhedded lil Veronica li ma jridhiex id-dar jekk ma tizzewwigx….Jiena dak il-hin bdejt nibza’ u ma ridtx glied ghaliex nibza’ mill-inkwiet u mill-glied. Veronica ukoll bdiet tibza’ u t-tnejn ma tkellimniex.”*

Illi l-attur jghid li l-Ispettur kien induna li l-konvenuta kienet tqila. La hu u lanqas il-konvenuta ma kien jafu li hija kienet tqila.

Illi l-attur jixhed li wara dan l-incident huwa baqa’ jghix mal-familja tal-konvenuta. Jghid: *“Jiena u Veronica ma konna tkellimna xejn fuq zwieg u lanqas tkellimna ma’ missierha fuq zwieg pero’ missierha baqa’ ghaddej minkejja li jiena ma ridtx nizzewweg.”*

Illi jghid li xi gimghatejn wara l-incident fl-Ghassa huma zzewwgu. Jghid: *“Ic-crieket taz-zwieg u kollox illi kellu x’jaqsam maz-zwieg missierha ghamlu. Missierha kien mar tkellem mal-Kapillan u mbaghad gie qalilna illi kien hemm gurnata ffissata ghaz-zwieg. Lilna qatt ma kellimna fuq il-kwistjoni taz-zwieg jew staqsiena jekk ridniex nizzewwgu.”* L-attur jixhed li anke x-xhieda ma kienx jafhom.

Illi dwar il-firma fuq il-karti taz-zwieg jghid: *“Naf illi jiena kont iffirmajt il-karti taz-zwieg pero’ naf zgur illi l-konvenuta zgur illi ma ffirmatx il-karti hi peress illi Veronica ma kenitx taf tikteb dak iz-zmien.”* Jghid li ftit xhur ilu kien mar il-Kurja jara xi karti u irrizultalu li l-firma tal-konvenuta kienet miktuba ferm pulita. Jghid li din il-firma zgur li m’hijiex tal-konvenuta.

Illi l-attur jixhed li wara z-zwieg huma ma kellhomx riceviment. Marru jghixu gewwa garaxx ta’ missier il-konvenuta. Huma ma kellhom xejn, lanqas flus sabiex jghixu. Il-kontendenti isseparaw fl-1982.

Illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1998 xehdet **Maria Muscat**, oht l-attur. Hija tghid li l-attur kien joqghod maghha meta kien guvni. Kienet saret taf li huwa kien qed johrog mal-konvenuta. Darba cemplet il-konvenuta u l-attur kien mar ghaliha ghaliex missierha kien sawwatha. Huma dak il-lejl kien raqdu l-Imnarja. Imbaghad huma marru joqghodu max-xhud ghal xi tlett gimghat. Tghid: *"Kemm meta Leli kien joqghod mieghi waqt illi kien jiddejtja lil Veronica u lanqas waqt illi t-tnejn kienu qeghdin jghixu mieghi, qatt ma semmew xi zwieg. Naf li kienu alright minuta u kif nillarga jiena jibdew jghajtu u jargumentaw.."*

Illi x-xhud tghid li saret taf biz-zwieg ta' huha mal-konvenuta xi sena wara z-zwieg.

Illi tixhed li l-konvenuta kienet qaltilha li missierha kien jitrattaha hazin, ma jirrispettahiex, jghajjarha u jhebb ghaliha.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1998 xehed **Dun Karm Aquilina** li qal li jaf lill-kontendenti ghaliex xi hamsa u ghoxrin sena ilu huwa kien l-Kapillan ta' San Guzepp Haddiem, B'Kara. Il-konvenuta kienet toqghod fil-parocca tieghu dak iz-zmien. Huwa kien jaf ukoll lil missier il-konvenuta, Carmel Conti. Jghid: *"Gieli kellimni fuq it-tifla tieghu. Kien gieli qalli li ma riedx lill-attur jizzewweg lit-tifla."*

Illi jixhed li sabiex izzewget il-konvenuta kellha bilfors ikollha il-Grizma izda ma setax jikkonferma jekk kellhiex il-Grizma.

Illi jghid li bhala Kapillan huwa kien jaghmel l-ezami taz-zwieg lill-konvenuta. Jixhed: *"Jiena kultura hija irrelevanti fil-prenuptial enquiry. Jiena ma kontx hadt idea illi kienet brillanti. Jiena kont iggudikajt illi s-sitwazzjoni taghha ma influenzatx il-free consent."*

Illi jixhed li probabbli huwa kien ic-celebrant taz-zwieg tal-kontendenti.

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 1998 xehed **Dun Karm Aquilina** li spjega li z-zwieg dejjem isir fil-Knisja. Jigi celebrat zwieg fis-Sagristija meta jkun hemm xi haga mhux tas-soltu. Huwa jeskludi li z-zwieg tal-kontendenti sar fis-Sagristija izda jghid li ma jiftakarx iz-zwieg per se.

Illi jixhed li kellu impressjoni li Carmel Conti ma kellux grazzja ma’ l-attur u lanqas mat-tifla tieghu, u li kien jindahal hafna. Huwa kien gie l-ufficcju tieghu b’certu awtorita`, xi sitta jew seba’ darbiet sabiex jghidlu li ma riedx lill-attur jizzewweg lill-konvenuta. Jghid: *“Imbaghad darba gie u qalli fittex zewwighom. Dan kien conflicting ghal li kien qalli qabel. Bla dubju Carmel Conti ghandu karattru awtoritevoli. Insegwitu bdew il-proceduri tas-soltu sabiex isir iz-zwieg….qalli zewwighom ghaliex it-tifla harget tqila.”*

Illi jixhed ukoll li meta sar iz-zwieg tal-kontendenti ma kienx hemm bzonn firma tal-partijiet fic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-seduta tat-3 ta’ Frar 1999 xehed Dr Paul Mallia rigward ic-certifikat ta’ registrazzjoni taz-zwieg tal-kontendenti. Jixhed li fil-Kurja ma jinzamm ebda certifikat ta’ din ix-xorta imma c-certifikat ikun f’idejn il-Kappillan li jiccelebra z-zwieg.

## III) KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu qed jattribwixxi n-nullita` taz-zwieg in ezami fuq:

*“Premess illi meta l-kontendenti ccelebraw z-zwieg l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizjat billi nkiseb bi vjolenza morali prattikat minn missierha;*

*Premess in oltre li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*Premess fl-ahharnett li l-kontendenti, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhom, ma kellhomx, fi zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;"*

Illi **l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), Artikolu 19(1)**:-

*"(a) jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza`;*

*(d) il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew*

*(h) Wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

Illi mill-provi migbura jirrizulta li:

a) Il-kontendenti kienu immaturi, mohh ir-rih u bla hsieb ta' zwieg.

b) Il-kontendenti zzewwgu wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar xahar jew xahar u nofs.

c) Il-kontendenti ma riedux jizzewgu. Kien biss minhabba t-theddid u l-pressjoni qawwija u vjolenti ta' missier il-konvenuta li huma izzewgu. Ferm importanti huma l-kliem tal-konvenuta meta tixhed *"Jiena ma izzewwigtx, izda zewguni u qeghduni."* Hija tixhed ukoll**:** *"..jiena bzajt minnu u ghalhekk ghidt illi jiena naghmel kif ried u mbaghad naghmel illi rrid jiena wara…Jiena kont mohh ir-rih u ma naf xejn."* L-attur jixhed *"….Jiena dak il-hin bdejt nibza' u ma ridtx glied ghaliex nibza' mill-inkwiet u mill-glied. Veronica ukoll bdiet tibza' u t-tnejn ma*

*tkellimniex.”* Jixhed ukoll: *“…missierha baqa’ ghaddej minkejja li jiena ma ridtx nizzewweg.”*

d) Il-partijiet ma ghamlu ebda preparazzjoni ghaz-zwieg. Missier il-konvenuta ha hsieb kollox u l-kontendenti ma kienu jafu xejn x’ qed isir. Wara z-zwieg huma marru jghixu gewwa garaxx, bla dawl, ilma jew *toilet*.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, jidher car li dan iz-zwieg la kellu jsehh u lanqas kellu cans jirnexxi. Kien zwieg li sehh meta z-zewg partijiet ma kenux lesti ghaz-zwieg. It-tnejn kienu ghandhom zaghzagh, immaturi u mohh ir-rih. Il-kontendenti izzewgu <u>biss</u> minhabba t-theddid, u l-pressjoni kontinwa u vjolenti da parti ta’ missier il-konvenuta. Din l-pressjoni ta’ missier il-konvenuta gabet biza` kbir fil-partijiet, li t-tnejn jidhru li ma kenux kapaci jirrezistu l-awtorita` qawwija ta’ missier il-konvenuta.

Illi li ma kienx ghall-insistenza ta’ missier il-konvenuta sabiex il-kontendenti jizzewgu ghaliex il-konvenuta kienet tqila u l-biza` tal-kontendenti lejn l-awtorita` ta’ missier il-konvenuta, dan iz-zwieg ma kienx isehh, u kienu dawn il-fatti u xejn aktar, li il-partijiet izzewgu.

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kawza **“Mizzi vs Mizzi”** deciza fit-8 ta’ Gunju 1988 qalet *“biex iz-zwieg jigi dikjarat null, mhux bizzejjed il-fatt li l-mara harget tqila qabel iz-zwieg u li minhabba f’ hekk sar iz-zwieg, izda jrid jigi pruvat li z-zwieg ma kienx isir li kieku mhux ghat-tqala tal-mara.”*

Illi din il-Qorti fis-sentenza fil-kawza **“Zammit vs Zammit”** deciza fit-30 ta’ Gunju 1992 iddikjarat li zwieg ghandu jigi dikjarat null meta jirrizulta li l-koppja kienet mohh ir-rih meta zzewget, u z-zwieg sar minhabba t-tqala li sabet ruhha l-mara. F’dan il-kaz ukoll ma kien hemm ebda namur fil-veru sens tal-kelma u ebda hsieb ta’ zwieg qabel it-tqala u d-decizjoni ghaz-zwieg ma kenitx konsegwenza naturali tar-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet.

Illi l-awtur **JR Keating** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of psychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."* Jidher car li l-kontendenti fil-kaz in ezami ma kellhomx din il-liberta' ta' ghazla. Il-pressjoni tremenda tal-missier il-konvenuta, l-immaturita` u l-biza` tal-kontendenti wasslithom sabiex jizzewgu. Ma kienx hemm preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabiltajiet rizultanti minn dan il-pass.

Illi din l-Onorabbli Qorti fil-kawza **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** deciza fil-31 ta' Dicembru 1996 iddikjarat li z-zwieg ikun null jekk fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b' att posittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew propjeta` essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi din l-Qorti fil-kawza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 ikkunsidrat l-kaz *"..ta min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu ikun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg."* Din il-Qorti kompliet tispjega l-gurista Castano, fejn jghid li l-eskluzzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' ntenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' ossia intenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi din il-Qorti fil-kawza **"Raymond Bugeja vs Angela Bugeja"** deciza fit-2 ta' Dicembru 1987 ikkunsidrat l-kaz fejn il-kunsens inkiseb bi vjolenza, fisika u morali u bil-biza'. Ikkunsidrat ukoll l-kaz fejn xi wahda mill-partijiet ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Jinghad *"Difatti dan isostni [Dr Pisani] li kieku ma kenitx ghall-minaccja ta' missier il-konvenuta li jisparalu f' kaz li ma jizzewwigx lil bintu meta din harget tqila mill-attur, huwa ma kienx jasal biex jizzewweg lill-konvenuta."* F'dan

il-kaz wiehed iried jara jekk it-theddid *'ut sic'* kienx determinanti sabiex l-attur jaghti l-kunsens tieghu biex jizzewweg lill-konvenuta. Il-biza' jew vjolenza irid ikun tali li tinnewtralizza l-kunsens ta' dak li jkun. Fil-kaz in ezami jidher car li kemm il-biza` u kif ukoll il-vjolenza kienu innewtralizzaw l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg.

Illi skond il-provi migbura u l-konsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ppruvat u dan abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta u din il-Qprti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett, u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, tilqa` t-talba attrici.

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat fil-Knisja ta' San Guzepp Haddiem, B' Kara, fis-26 ta' Novembru 1973, mill-kontendenti, huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------